MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2008

Numru 320/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis sive Frankie Portelli**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis sive Frankie Portelli, bin Joseph u Mary nee` Spiteri, imwieled Victoria fis-26 ta' Lulju 1961, detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 33961G, talli f'Ghawdex matul is-snin 1999 u 2000:

1. mexxa biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li huma falsifikati, bi ksur tal-Artiklu 45(1) tal-Att Dwar il-Bank Centrali ta' Malta, Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta, u

2. minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti

tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess kienu falsifikati, u dan bi ksur tal-Artiklu 46 tal-Att Dwar il-Bank Centrali ta’ Malta, Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, u

3. talli wkoll bhala ufficjal pubbliku kkommetta dawn ir-reati kollha li hu kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu hu kellu d-dmir li jimpedixxi;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-31 ta’ Awissu 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Francis sive Frankie Portelli mhux hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u minnhom illiberatu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu prezentat fl-24 ta’ Settembru 2007, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha “thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li ma saritx formalita` sostanzjali li trid il-ligi u, wara li tisma’ lil Francis Axiaq u okkorrendo l-provi l-ohra kollha, tiddeciedi l-kawza fuq il-meritu”;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali hu fis-sens li l-ewwel qorti ma setghet qatt tghaddi ghas-sentenza liberatorja taghha u dan ghal zewg ragunijiet. L-ewwel raguni migjuba hija **“illi l-ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet tghaddi sabiex tiggudika dan il-kaz stante li din il-Qorti Istruttorja qatt ma kkonvertiet ruhha bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali”**. It-teni raguni avanzata hija formulata, fir-rikors ta’ appell, hekk: **“It-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Onorabbli Qorti arrogat lilha nnifisha kompetenza li ma kellhiex u impediet lill-Prosekuzzjoni milli ggib prova importanti ghall-kaz taghha”.** Minn dan jidher car li dana l-appell ta’ l-Avukat Generali ma huwiehx appell fil-meritu, izda huwa bbazat fuq aggravji ta’ natura procedurali. Effettivament l-appellant Avukat Generali qed

jistieden lil din il-Qorti sabiex tapplika t-tieni parti tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali[1].

Tajjeb li wiehed jara ezattament x'kien l-*iter* procedurali ta' din il-kawza. L-appellat Portelli tressaq, b'att ta' citazzjoni li jgib id-data 7 ta' Frar 2006, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fuq l-imputazzjonijiet hawn fuq riportati. Peress li dawn l-imputazzjonijiet jipotizzaw reati li jezorbitaw mill-kompetenza originali ta' dik il-qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-Artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali, dik il-qorti korrettement ghaddiet ghall-istruttorja skond il-ligi (Artikoli 367(1) u 389 ta' l-imsemmi Kodici). Wara li nstemghu diversi provi u saru diversi rinviji, l-Avukat Generali, b'nota ta' rinviju ghall-gudizzju datata 19 ta' Settembru 2006[2], baghat lill-imsemmi Portelli biex jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) skond il-procedura tas-subartikolu (3) ta' l-imsemmi Artikolu 370. Fl-imsemija nota huwa invoka wkoll il-paragrafu (f) ta' l-imsemmi subartikolu (3). Skond dan il-paragrafu, qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkuzat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja, il-qorti ghandha tisma' dik ix-xhieda ohra li tista' tigi indikata mill-Avukat Generali fl-istess nota ta' rinviju ghall-gudizzju. Issa, jekk wiehed jara din in-nota a fol. 133 ta' l-atti, isib li l-Avukat Generali, meta gie biex jindika dawn "ix-xhieda ohra", qal semplicement "tisma' l-provi li fadal". Anke jekk tali frazi tista' titqies li tissodisfa l-vot ta' l-imsemmi paragrafu (f), huwa evidenti li l-*best practice* f'materja simili hi li l-Avukat Generali <u>jispecifika</u> liema huma dawn ix-xhieda jew provi, u mhux ihalli kollox fl-arja jew ghall-immaginazzjoni ta' kulhadd. Jidher, pero`, li fl-udjenza minnufuh wara dik in-nota, cioe` fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2006[3], is-Supretendent Neil Harrison salva s-sitwazzjoni billi, wara li nqraw l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, iddikjara li l-prosekuzzjoni kien ghad fadlilha zewg xhieda u cioe` Jason Abela u Francis Axiaq.

---

[1] Art. **428(3)**: "Jekk il-qorti superjuri ssib li l-qorti inferjuri, ghad li kompetenti biex tisma' l-kaz, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, ghandha thassar is-sentenza , u tiddecidi l-kawza fuq il-meritu. **L-istess isir meta l-qorti superjuri issib li nkisret jew li ma saritx xi formalita` li trid il-ligi taht piena ta' nullita`, jew li tkun xort'ohra sostanzjali**."
[2] Fol. 133.
[3] Fol. 135.

F’din l-istess udjenza nstema’ Francis Axiaq – u d-deposizzjoni tieghu tinsab a fol. 134 – u dan fisser bl-gurament tieghu li huwa kien ghadu ghaddej proceduri kriminali li jikkoncernaw l-istess meritu, u ghalhekk talab li ma jixhedx biex ma jinkriminax ruhhu. Jason Abela ddepona fl-udjenza tas-17 ta’ Novembru 2006. Ghalkemm Francis Axiaq rega’ gie ingunt ghall-udjenzi tas-17 ta’ Novembru 2006, 7 ta’ Dicembru 2006 u 24 ta’ Lulju 2007, il-posizzjoni tieghu baqghet l-istess fis-sens li huma talab li ma jixhedx peress li seta’ jinkrimina ruhhu in vista tal-proceduri li kienu ghadhom pendenti fil-konfront tieghu. F’din l-ahhar udjenza ta’ l-24 ta’ Lulju 2007 xehed l-appellat odjern Francis sive Frankie Portelli, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-31 ta’ Awissu 2007, meta, kif diga` rajna, effettivament inghatat.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, l-appellant Avukat Generali m’ghandux ragun meta jghid li l-Qorti Inferjuri ma setghetx tghaddi biex tiggudka l-kaz ghax ma kienitx ikkonvertiet ruhha minn Qorti Istruttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali. Meta l-Avukat Generali jirrivija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati skond is-subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 370 tal-Kodici Krminali, huwa jkun qed jadixxi lil dik il-qorti fl-attribuzzjoni taghha bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Dan jirrizulta car anke mill-istess nota ta’ rinviju a fol. 133 li hi kjarament indirizzata “Lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudkatura Krminali”. Huwa minnu li biex tipprocedi u tghaddi biex tiggudika, dik il-qorti jrid ikollha l-kunsens ta’ l-akkuzat, izda dana l-ostakolu procedurali ma jfissirx li dik il-qorti tkun ghadha Qorti Istruttorja. Hija tkun Qorti ta’ Gudikatura Kriminali li pero`, principalment fl-interess ta’ l-akkuzat, trid issegwi certa procedura biex jigi assigurat li jkun hemm effettivament il-kunsens ta’ l-akkuzat ghalbiex il-kaz tieghu jigi deciz sommarjament minn dik il-qorti flok imur biex jigi deciz quddiem il-Qorti Kriminali. Fil-kuntest ta’ dana l-ewwel aggravju, l-appellant Avukat Generali josserva wkoll li ghalkemm fl-udjenza tal-5 ta’ Ottubru 2006 l-avukat difensur ta’ Portelli kien ivverbalizza li l-akkuzat, una volta li jigi mistoqsi jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi tratatt bi procedura sommarja, kien ser iwiegeb li m’ghandux – dikjarazzjoni, din, li giet ripetuta wkoll fl-

udjenza tas-17 ta' Novembru 2006 – l-ewwel qorti ma jirrizultax li effettivament ghamlet il-mistoqsija lill-akkuzat u rregistratha fil-process kif indikat fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (3) ta' l-imsemmi Artikolu 370. Dan hu fattwalment minnu, izda b'daqshekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tannulla s-sentenza. Il-procedura delineata fil-paragrafi (b) u (c) tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 hija intiza primarjament, kif diga` nghad, fl-interess ta' l-akkuzat li jkun, u dan biex jigi assigurat li hu jkun jaf ghal x'hiex qed iwiegeb u li t-twegiba tieghu, u ghalhekk l-ghazla bejn il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Krminali, tkun wahda libera. Fil-kaz in dizamina, l-appellat Portelli kien dejjem assistit mill-avukat difensur tieghu. Tramite l-istess avukat huwa indika li l-ghazla tieghu kienet li huwa jigi gudikat sommarjament mill-Qorti Inferjuri. Ghalkemm ma giex formalment mistoqsi – ghall-anqas ma hemm ebda verbal f'dan is-sens – ma jistax ikun hemm l-icken dubju f'dan il-kaz li l-imsemmi Portelli kien qed jaghzel li jigi ggudikat mill-Qorti Inferjuri, tant li fl-udjenza ta' l-24 ta' Lulju 2007 (meta, jerga' jinghad, kien assistit mill-avukat tieghu) huwa addirittura ghazel li jiehu l-pedana u jiddeponi. Fic-cirkostanzi partkolari ta' dan il-kaz, li kieku din il-Qorti kellha tannulla s-sentenza appellata tkun qed tissagrifika s-sustanza ta' l-imsemmija paragrafi (b) u (c) fuq l-altar tal-formalizmu – haga li din il-Qorti, ghall-anqas kif presjeduda, mhix bi hsiebha li taghmel. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Generali qed jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju, fejn l-appellant Avukat Generali qed jillanja li l-ewwel qorti ma mxietx skond il-paragrafu (f) ta' l-Artikolu 370(3), dan hu, fil-fehma tal-Qorti, infondat. Ix-xhud Francis Axiaq, li l-prosekuzzjoni kienet qed titlob li jinstema', ittella' jixhed ghal darba darbtejn, izda huwa dejjem ipprevalixxa ruhhu mid-dritt li ma jixhedx minhabba l-proceduri pendenti kontra tieghu. Il-Qorti Inferjuri, bhala Qorti ta' Gudikatura Krminali, kellha s-seta' li tghaddi ghall-istadju li jmiss wara li taghti, kif effettivament ghamlet, zmien ragjonevoli lill-prosekuzzjoni biex din tirregola ruhha fir-rigward tal-proceduri kontra l-istess Axiaq. Id-disposizzjoni ta' l-imsemmi paragrafu (f)

ma tistax tigi interpretata b'mod li proceduri essenzjalment sommarji jigu prattikament sospizi indefinittivament ghax xhud li jkun intalab ma jkunx jista' jinstab jew ma jkunx jista', ghal xi raguni valida skond il-ligi, jixhed. Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-mod kif agixxiet l-ewwel qorti f'dan ir-rigward.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell interpost mill-Avukat Generali u f'dan is-sens tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------